MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 477/2003

**C & L Calleja Trading Limited [C-28851]**

**vs**

**Ta’ Xbiex Lapins Limited [C-3122]**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef erba’ mija disgha u erbghin Lira Maltin u erbatax-il centezmu (LM3,449.14) rapprezentanti prezz ta’ prodotti ta’ hut li huma kienu ordnaw mis-socjeta’ attrici u dan kif jirrizulta minn prospett anness mahrug minnhom, datat 14 ta’ Awissu tas-sena 2002 u mmarkat bhala Dok A. Nonostante illi gew interpellati**

**sabiex ihallsu dan il-bilanc, inkluz permezz ta' varji interpellanzi verbali kif ukoll ittra legali datata 21 ta' Jannar tas-sena 2003 (Dok B), huma baqghu inadempjenti;**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, inkluz dawk ta' l-ittra legali datata 21 ta' Jannar tas-sena 2003 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghax mid-dati tal-fatturi relattivi ndikati fuq il-prospett mahrug mis-socjeta' konvenuta stess. Is-socjeta' konvenuta hija ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-29 ta' Ottubru tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------